



Brussell, 4 ta' April 2024
(OR. en)

8297/24

**INF 81
API 52**

NOTA

minn: Segretarjat Ĝeneralni tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Suġġett: Abbozz tat-22 rapport annwali tal-Kunsill dwar l-implementazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni

RAPPORT ANNWALI TAL-KUNSILL

DWAR L-AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI – 2023

I. INTRODUZZJONI

Dan huwa t-22 rapport annwali dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2001 dwar l-aċċess pubbliku għad-dokumenti tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni¹. Huwa tfassal skont l-Artikolu 17(1) ta' dak ir-Regolament². Ir-rapport jiddeskrivi x-xejriet fit-talbiet għall-aċċess għal dokumenti tal-Kunsill fl-2023 u jirrieżamina l-ilmenti lill-Ombudsman u s-sentenzi mogħtija mill-qrati Ewropej fkawzi li jikkonċernaw l-implimentazzjoni tar-Regolament mill-istituzzjonijiet.

Id-data statistika li tipprovdi l-bażi għal dan ir-rapport hija disponibbli bħala [data miftuħa fis-sit web tal-Kunsill](#).

II. TRASPARENZA LEĠIŻLATTIVA

Is-sena 2023 rat livell għoli ħafna ta' attivită leġiżlattiva meta mqabbel mas-sena preċedenti li diġà kienet konsiderevolment impenjattiva. Dan huwa assoċjat mal-ilħuq tat-tmiem taċ-ċiklu leġiżlattiv, kif jidher fl-ġħadd ta' mandati ta' negozjar mogħtija. Filwaqt li l-ġħadd baqa' prattikament identiku fl-2023 (98), in-negozjati bdew għal 98 % minn dawn il-mandati, filwaqt li fl-2022 iċ-ċifra kienet biss ta' 58 %.


F'konformità mal-approċċ tal-Coreper dwar it-tishħiħ tat-trasparenza legiżlattiva³, il-mandati kollha tal-Kunsill kienu pubbliċi. L-eżitu finali tan-negozjati sar pubbliku għall-fajls kollha, wara l-approvazzjoni tal-Coreper (74) jew bl-ittra ta' offerta mibgħuta lill-President tal-Kunitat tal-Parlament Ewropew (7), jew it-tnejn (52). Fis-17-il fajl li jifdal, in-negozjati jew għadhom għaddejjin jew inkella ma bdewx, jew il-proposta ġiet miċħuda mill-Parlament Ewropew.

¹ [ĠU L 145, 31.5.2001, p. 43.](#)


² Dak l-artikolu jistipula li "Kull istituzzjoni għandha tippubblika ta' kull sena rapport għas-sena ta' qabel inklużi n-numru ta' każijiet fejn l-istituzzjoni rrifutat li tagħti aċċess għal dokumenti, ir-raġunijiet għal dawn ir-rifuti u n-numru ta' dokumenti sensittivi mhux reġistrati fir-reġistru."

³ [ST 9493/20.](#)


Initial Council negotiating mandates granted in 2023 for trilogues



Initial Council mandates granted in 2023 for trilogues and made public




Initial 4-column tables prepared for negotiating
with the Council mandates granted in 2023



* Negotiations on a legislative file do not necessarily require the production of a 4-column table.
In particular, in 2023, agreement was reached without trilogues, or with urgency for 9 files.
In addition, in one case, the European Parliament did not enter into negotiations but instead rejected the Commission's proposal (2022/0348 (COD)).

**In some cases, the initial 4-column table included negotiating elements in the fourth column and therefore could not have been made public at the time.

Progress reports in 2023




III. TALBIET GĦAL AÇÇESS GĦAL DOKUMENTI FL-2023

1. Ir-registrū pubbliku

Fl-2023, ir-registrū attira 2.7 % tat-traffiku fis-sit web tal-Kunsill. Ġie kkonsultat aktar minn 534 000 darba. Minn fost aktar minn 329 000 viżitatur, 25 % waslu fir-registrū permezz ta' magni tat-tifx tal-web, 69 % waslu permezz ta' link diretta, 5 % ġew diretti mill-ġdid minn sit web ieħor u 1 % minn emails. Total ta' 26 % tal-viżitaturi kien bbażati fil-Belġju, 14 % fi Franzia, 14 % fl-Irlanda, 7.4 % fil-Ġermanja, 3.7 % fl-Italja u 3.7 % fin-Netherlands.

Fil-31 ta' Diċembru 2023, ir-registrū pubbliku kien jelenka 505 587 dokument bil-lingwa oriġinali (3 823 804 dokumenti, inkluż il-verżjonijiet lingwistiċi kollha). Mill-għadd totali ta' dokumenti bil-lingwa oriġinali elenktati fir-registrū, 72.2 % (364 793 dokument) kien pubbliċi u disponibbli biex jitniżżlu.

**Documents available in the public register
on 31 December 2023**




Matul l-2023, iddaħħlu 26 165 dokument bil-lingwa oriġinali fir-reġistru, li 69.6 % minnhom, jew 18 200 dokument, huma pubbliċi u disponibbli biex jitniżżu. Fl-2023, il-Kunsill ħareġ 13 403 dokumenti li kienu disponibbli għall-pubbliku maċ-ċirkolazzjoni u ħareġ 12 440 dokument LIMITE. Daħħal fir-reġistru 1 107 dokumenti li huma parzialment disponibbli għall-pubbliku.

Fl-2023, ġew irreferenzjati 322 dokument klassifikat⁴ fir-reġistru, u l-Kunsill ħareġ 822 dokument klassifikat li mhumiex elenkti fir-reġistru.

Dokumenti leġiżlattivi

Matul il-perjodu kopert minn dan ir-rapport, żdiedu 5 338 dokument leġiżlattiv⁵ fir-reġistru, li 2 299 minnhom inħarġu bħala "pubbliċi" maċ-ċirkolazzjoni. Mit-3 039 dokument leġiżlattiv li jifdal maħruġa bħala LIMITE (b'referenza fir-reġistru iż-żgħid mhux aċċessibbli b'mod dirett), 2 006 dokumenti saru pubbliċi wara talba. Għaldaqstant 73.7 % tad-dokumenti leġiżlattivi miżjud fir-reġistru fl-2023 huma kompletament disponibbli għall-pubbliku.



⁴ Ara d-[Deċiżjoni tal-Kunsill 2013/488/UE](#) tat-23 ta' Settembru 2013 dwar ir-regoli tas-sigurtà għall-protezzjoni ta' informazzjoni klassifikata tal-UE (ĠU L 274, 15.10.2013, p. 1).


⁵ Kif previst fl-Artikolu 12 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001, dokumenti leġiżlattivi huma dokumenti mfassla u/jew riċevuti matul proċedura leġiżlattiva.

2. Talbiet għal aċċess għal dokumenti

Fl-2023, il-Kunsill irċieva 3 732 talba inizjali għal aċċess għal dokumenti u 40 applikazzjoni konfermatorja⁶, li kienu jeħtieġu l-analiżi ta' 13 912-il dokument.

Fl-2023, l-għadd ta' talbiet inizjali żdied bi kważi 1 000, żieda ta' aktar minn 35 % meta mqabbel mal-2022 (li tiżdied maż-żieda ta' 32 % li kienet digħi osservata fl-2022 meta mqabbel mas-sena preċedenti).

Fl-2023, ġew ippreżentati 3 732 talba inizjali minn 1 282 applikant.




⁶ Fil-każ ta' rifjut totali jew parzjali, l-applikant jista', sa 15-il jum minn meta jirċievi r-risposta mill-istituzzjoni, jagħmel applikazzjoni konfermatorja fejn jitlob lill-istituzzjoni terġa' tikkunsidra l-pożizzjoni tagħha.

Fl-2023, is-SĠK ġie kkonsultat mill-Parlament Ewropew u mill-Kummissjoni Ewropea dwar 929 dokument. Fir-rigward tal-applikanti individwali, il-ħames applikanti li talbu l-iktar dokumenti talbu aċċess għal 2 571 dokument, li jirrappreżentaw 18 % tad-dokumenti mitluba. Dawn il-ħames applikanti ressqu 127 talba. Ta' min jinnota li maġġoranza kbira tal-applikanti ppreżentaw biss talbiet għal aċċess għal ftit dokumenti (bejn 1 u 10).

Number of requested documents
evolution from 2019 to 2023




Main policy areas of requested documents in 2023




Fl-istadju inizjali, ingħata aċċess sħiħ għal 10 908 dokumenti (78.4 %) u aċċess parzjali għal 1 600 dokument (11.5 %). L-aċċess għal 1 404 dokumenti (10.1 %) ġie rrifjutat.

Type of access granted at the initial stage
in %



Wara applikazzjonijiet konfermatorji, ingħata aċċess sħiħ għal 53 dokument (36.3 %) u aċċess parzjali għal 45 dokument (30.8 %). Il-Kunsill ikkonferma li l-aċċess għal 48 dokument għandu jiġi rrifjutat (32.9 %).

Type of access granted at the confirmatory stage
in %



Eċċeżżjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess

Fl-istadju inizjali, l-aċċess għad-dokumenti ġie rrifjutat l-aktar sabiex ikun protett il-proċess tat-tēhid ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill (327 darba, jew 29.3 %), ikun protett l-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (305 darbiet, jew 27.4 %) jew minħabba raġunijiet ta' sigurtà pubblika (50 darba, jew 4.5 %).

F'34.7 % tal-każijiet (387 darba), id-dokumenti ġew irrifjutati abbażi ta' taħlita ta' diversi eċċeżżjonijiet. F'dawk il-każijiet, l-aċċess ġie miċħud prinċipalment sabiex jiġi protett l-interess pubbliku fir-rigward tad-difiża u kwistjonijiet militari u r-relazzjonijiet internazzjonali (61 darba, jew 15.7 %) kif ukoll il-protezzjoni tas-sigurtà pubblika u r-relazzjonijiet internazzjonali (60 darba, jew 15.5 %).

Taħlita tal-protezzjoni tal-interessi pubbliċi fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali u l-proċess tat-tēhid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill ġiet applikata wkoll fi 53 każ (jiġifieri fi 13.7 % tal-każijiet).

Għal 52 darba, jiġifieri fi 13.4 % tal-każijiet fejn ġew applikati diversi eċċeżżjonijiet, dawn kienu taħlita tal-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja u ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru flimkien mal-proċess tat-tēhid tad-deċiżjonijiet tal-Kunsill.

Main exceptions used to refuse access at the initial stage
in %



Combination of exceptions mostly used:

15.7%	15.5%	13.7%
Defence and military matters, and international relations	Public security and international relations	International relations and decision-making process


F'kwart tal-każijiet, ingħata aċċess parzjali abbażi ta' taħlita ta' diversi eċċezzjonijiet.

L-eċċezzjoni użata l-aktar ta' spiss fil-ġustifikazzjoni tal-ġħoti ta' aċċess parzjali biss kienet il-protezzjoni tad-data personali (45.4 %), segwita mill-protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali (13.4 %).

Fl-istadju konfirmsatorju, l-aċċess għad-dokumenti ġie rrifjutat għalkollox fmaġgoranza kbira tal-każijiet (62.5 %) minħabba taħlita ta' eċċezzjonijiet. L-aċċess ġie rrifjutat għalkollox ukoll biex jiġu protetti r-relazzjonijiet internazzjonali (10.4 %) u s-sigurtà pubblika (8.3 %).

L-aċċess għad-dokumenti ġie rrifjutat parzjalment prinċipalment biex tīgħi protetta d-data personali (82.2 %).



Exceptions used to refuse access at the confirmatory stage in %



Combination of exceptions mostly used:




Self-declared professional profile of the applicants in 2023
at the initial and at the confirmatory stage (in %)



Is-SĠK ħa medja ta' 16-il jum ta' xogħol biex jipproċessa talbiet inizjali u 32 jum ta' xogħol biex jipproċessa applikazzjonijiet konfermatorji⁷.

Average working days for the GSC to process requests
evolution from 2019 to 2023



L-iskadenza ta' 15-il jum ta' xogħol biex jiġu pproċessati talbiet inizjali għet estiżha għal 1 248 talba, jiġifieri, fi 33.4 % tal-każijiet. L-iskadenza għet estiżha għall-applikazzjonijiet konfermatorji kollha.

It-tabelli fl-Anness jagħtu aktar dettalji dwar it-talbiet għal aċċess għal dokumenti.

⁷ Ingħalqu 39 applikazzjoni konfermatorja.

**IV. ILMENTI MRESSQA QUDDIEM L-OMBUDSMAN EWROPEW, INKJESTI FUQ
INIZJATTIVA PROPRJA MILL-OMBUDSMAN EWROPEW U AZZJONI LEGALI
FIL-QASAM TAT-TRASPARENZA/AĊĊESS GĦAL DOKUMENTI U TALBIET
GĦAL INFORMAZZJONI**

1. Ilmenti li tressqu quddiem l-Ombudsman Ewropew

Fl-2023, il-Kunsill ma rċieva l-ebda inkesta mill-Ombudsman dwar ilmenti dwar l-aċċess għal dokumenti⁸.

Żewġ ilmenti li waslu fl-2022 għadhom inklużi f'dan ir-rapport peress li kien hemm xi żviluppi fdawk il-każijiet fl-2023.

Ilment 788/2022/SF

Dan il-każżejjha lment dwar id-deċiżjoni tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2021 li tikkonferma r-rifjut tiegħu li jagħti aċċess sħiħ għal 16-il dokument li fihom skambji bil-miktub bejn is-Servizz Legali tal-Kunsill u l-gruppi preparatorji tal-Kunsill, ir-rappreżentanzi permanenti u l-Kummissjoni Ewropea, fil-kuntest tal-eżami ta' żewġ proposti għal regolamenti: l-Att dwar is-Servizzi Diġitali (2020/0361 (COD)) u l-Att dwar is-Swieq Diġitali (2020/0374 (COD)).

F'April 2022, l-Ombudsman fetħet inkesta⁹ dwar il-kwistjoni u spezzjonat id-dokumenti li l-aċċess għalihom kien ġie rrifjutat. F'Lulju 2022, l-Ombudsman talbet għal spezzjoni ta' aktar dokumenti relatati mal-ilment (hemżiet ma' wħud mid-dokumenti digġà pprovduti lill-Ombudsman), li ma kinux ġew identifikati b'mod korrett mill-Kunsill. Matul l-inkesta, it-tim ta' inkesta tal-Ombudsman eżamina d-dokumenti inkwistjoni u Itaqqa' ma' uffiċjali tas-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill bil-ġhan li jikseb kjarifikasi dwar ir-raġunijiet tal-Kunsill għar-rifjut tal-aċċess pubbliku.

⁸ Ilment wieħed ġie indirizzat lill-Ombudsman (1662/2023/SF) iżda tqies li ġie solvut immedjatament. L-applikant kien ilmenta dwar in-nuqqas ta' tweġiba għall-applikazzjoni konferrimatorja tiegħu sal-iskadenza legali. It-tweġiba kienet damet minħabba l-waqfa tas-sajf. Hekk kif ir-risposta ntbagħtet lill-applikant, is-servizzi tal-Ombudsman qiesu l-kwistjoni riżolta.

⁹ ST 8746/22 INIT u ST 8746/22 ADD 1.

F'ittra tat-2 ta' Frar 2023, l-Ombudsman bagħtet lill-Kunsill proposta għal soluzzjoni, peress li ma kinitx konvinta mill-ispjegazzjonijiet tal-Kunsill li d-divulgazzjoni ddgħajnejf l-interessi protetti mill-eċċeżżjonijiet stipulati fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001. B'mod partikolari, l-Ombudsman qieset li l-Kunsill għandu jirrieżamina l-pożizzjoni tiegħu sabiex jagħti l-aktar aċċess pubbliku wiesa' possibbli għad-dokumenti mitluba. Hija stiednet lill-Kunsill biex jinfurmaha dwar kwalunkwe azzjoni li kien ħa fir-rigward tal-proposta għal soluzzjoni msemmija hawn.

Fit-tweġiba tiegħu lill-Ombudsman bid-data tas-26 ta' April 2023¹⁰, il-Kunsill ikkunsidra li fdak il-mument id-divulgazzjoni tad-dokumenti mitluba ma kinitx għadha ddgħajnejf l-interessi protetti u ddikjara li kien id-deċċieda li jagħti lill-ilmentatur aċċess sħiħ għad-dokumenti, bl-eċċeżżjoni ta' kwalunkwe data personali li tinsab fihom. Fit-2 ta' Mejju 2023, is-Segretarjat Ġenerali bagħat id-dokumenti mitluba lill-ilmentatur.

Fis-26 ta' Ġunju 2023, l-Ombudsman għalqet l-ilment, peress li l-Kunsill kien aċċetta l-proposta ta' soluzzjoni tal-Ombudsman u ta l-aktar aċċess pubbliku wiesa' possibbli għad-dokumenti mitluba.

Ilment 1834/2022/NH

Dan il-każ jikkonċerna lment minn ċittadin indirizzat lill-Ombudsman Ewropew wara r-rifjut tal-Kunsill li jagħti aċċess pubbliku sħiħ għad-dokument tal-Kunsill ST 6817/21 INIT. Dan id-dokument fih opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill dwar il-bażi legali tal-proposta tal-Kummissjoni għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar pagi minimi adegwati fl-Unjoni Ewropea.

¹⁰ ST 8238/23 INIT.

Wara talba konfematorja, il-Kunsill kien ta aċċess parpjali għal diversi partijiet tad-dokument. L-aċċess għall-bqija tad-dokument ġie miċħud abbażi tat-tieni inċiż tal-Artikolu 4(2) (protezzjoni ta' parir legali) u l-Artikolu 4(3), l-ewwel subparagraphu (protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet) tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fil-25 ta' Ottubru 2022, l-Ombudsman fetħet inkesta dwar il-kwistjoni¹¹ u spezzjonat id-dokumenti.

Fl-4 ta' April 2023, l-Ombudsman irrakkomandat li l-Kunsill jagħti aċċess pubbliku sħiħ għall-opinjoni tas-Servizz Legali tiegħu, u talbet li l-Kunsill jagħtiha opinjoni dettaljata dwar il-kwistjoni sat-3 ta' Lulju 2023.

Fid-9 ta' Lulju 2023, il-Kunsill wieġeb lill-Ombudsman, u indika li kien iddeċieda li jagħti aċċess sħiħ għad-dokument mitlub lill-ilmentatur¹². Fid-deċiżjoni tiegħu tal-25 ta' Settembru 2023, l-Ombudsman ikkonfermat il-konstatazzjoni tagħha ta' amministrazzjoni ħażina, peress li l-Kunsill kien żamm il-pożizzjoni tiegħu li d-divulgazzjoni tad-dokument fil-mument tal-adozzjoni tad-deċiżjoni konfematorja, meta l-proċedura leġiżlattiva kienet għadha għaddejja, ma kinitx possibbli. Barra minn hekk, l-Ombudsman appellat lill-Kunsill biex jagħti l-aktar aċċess wiesa' possibbli għad-dokumenti leġiżlattivi fi żmien li jippermetti lill-pubbliku jipparteċipa b'mod effettiv fil-proċeduri leġiżlattivi¹³.

2. Inkesta fuq inizjattiva propria tal-Ombudsman Ewropew

Fit-2 ta' Ottubru 2023, l-Ombudsman Ewropew indirizzat ittra lill-Kunsill dwar inkesta fuq inizjattiva propria (OI/4/2023/MIK) dwar it-trattament ta' talbiet għal aċċess pubbliku għal dokumenti leġiżlattivi¹⁴. Din l-inkesta fuq inizjattiva propria ġiet indirizzata wkoll lill-Parlament Ewropew u lill-Kummissjoni.

¹¹ ST 14142/1/22 REV 1, ST 14142/22 ADD 1 REV 1 u ST 14142/22 ADD 2 REV 1.

¹² ST 10830/23.

¹³ [ST 13699/23](#).

¹⁴ [ST 13836/23](#).

L-Ombudsman talbet lill-Kunsill jiprovvidilha informazzjoni statistika dwar l-iproċessar ta' talbiet għal aċċess għal dokumenti dwar tliet fajls leġiżlattivi.

Is-SġK ġabar id-data mitluba abbażi tal-informazzjoni disponibbli fil-bażi tad-data għall-aċċess għal dokumenti u ħejja abbozz ta' tweġiba. It-tweġiba ntbagħtet lill-Ombudsman fis-6 ta' Diċembru 2023¹⁵.

Fl-20 ta' Marzu 2024, l-Ombudsman indirizzat ittra lis-Segretarju Ġenerali tal-Kunsill fejn talbet li tispezzjona kampjun ta' deċiżjonijiet maħruġa mis-SġK. Dan il-kampjun jikkonsisti fid-deċiżjonijiet inizjali kollha li fihom jew ingħata aċċess parżjali għad-dokumenti, jew l-aċċess ġie rrifjutat kif ukoll 15-il deċiżjoni li fihom ingħata aċċess sħiħ għad-dokumenti kollha mitluba. Hija talbet li tirċievi kopja ta' dawn id-dokumenti.

3. Kawżi fil-qrati

Fl-2023, kien hemm ħames kawżi pendenti quddiem il-qrati tal-Unjoni: appell wieħed quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja u erba' kawżi quddiem il-Qorti Ġenerali li jikkontestaw il-legalità ta' deċiżjonijiet tal-Kunsill li jirrifjutaw l-għot ta' aċċess pubbliku skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001.

Fil-Kawża C-408/21 P *Il-Kunsill vs L. Pech*, il-Kunsill appella kontra s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralist tal-21 ta' April 2021 fil-Kawża T-252/19 li tannulla d-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-aċċess għal opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill ("CLS") (ST 13593/18 INIT). Fit-8 ta' Ġunju 2023, il-Qorti tal-Ġustizzja ċaħdet l-appell tal-Kunsill kontra s-sentenza tal-Qorti Ĝeneralist. Il-Qorti sabet li l-Kunsill kien naqas milli juri li d-divulgazzjoni tal-opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill taffettwa t-teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej jew l-interess tal-Kunsill li jirċievi parir legali. Il-Qorti kkonfermat li fil-qasam leġiżlattiv kien hemm fil-prinċipju obbligu li jiġu ddivulgati opinjoni deċiżjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill sakemm, pereżempju, dawn ma kinux partikolarmen sensittivi fin-natura tagħhom jew b'kamp ta' applikazzjoni partikolarmen wiesa'. Il-Qorti sabet ukoll li l-kuntest ġenerali tad-diskussjoni leġiżlattiva kien irrilevanti biex jiġi stabbilit jekk opinjoni kinitx ta' natura partikolarmen sensittiva, peress li l-kontenut tal-opinjoni biss għandu jittieħed inkunsiderazzjoni. Il-Qorti kkonfermat ukoll li l-Qorti Ĝeneralist kellha raġun titlob lill-Kunsill jippreżenta elementi tanġibbli li juru l-eżistenza ta' riskju raġonevolment prevedibbli għall-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet.

¹⁵

[ST 15494/23.](#)

Fil-kawża T-163/21, *De Capitani vs Il-Kunsill*, ir-rikorrent talab l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti kkodifikati "WK" (għal "Dokument ta' ħidma") relatati mal-proċedura leġiżlattiva li tikkonċerna l-emenda tad-Direttiva 2013/34/UE dwar id-dikjarazzjonijiet finanzjarji annwali fir-rigward tar-rapport għal kull pajjiż. Fil-25 ta' Jannar 2023, il-Qorti Ĝeneralis annullat din id-deċiżjoni. L-ewwel nett, il-Qorti ċaħdet l-argument tal-applikant li l-eċċeżżjoni dwar il-protezzjoni tal-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet, prevista fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, interpretata fid-dawl tat-TFUE u tal-Karta, ma kinitx tapplika għad-dokumenti leġiżlattivi. Il-Qorti ddeċidiet li, għalkemm l-aċċess għal dokumenti leġiżlattivi għandu għalhekk ikun wiesa' kemm jista' jkun, dan ma jfissirx li d-dritt primarju tal-Unjoni kien jipprevedi dritt mhux kundizzjonat ta' aċċess għad-dokumenti leġiżlattivi. It-tieni nett, il-Qorti kkonstatat li ebda wieħed mill-motivi invokati mill-Kunsill fid-deċiżjoni kkontestata ma jippermetti li jiġi konkluż li d-divulgazzjoni tad-dokumenti inkwistjoni ddgħajnej serjament b'mod speċifiku, effettiv u mhux ipotetiku l-proċess leġiżlattiv ikkonċernat.

Fil-Kawża T-682/21, *ClientEarth vs Il-Kunsill* u T-683/21 *Leino-Sandberg vs Il-Kunsill*, l-applikanti talbu l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li tirrifjuta l-aċċess għal opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill maħruġa fil-kuntest ta' proċedura leġiżlattiva dwar emenda għar-Rigolament ta' Aarhus (ST 8721/21). Fit-13 ta' Marzu 2024, il-Qorti Ĝeneralis annullat id-deċiżjoni tal-Kunsill. Fir-rigward tal-eċċeżżjoni relatata mal-protezzjoni tal-parir legali prevista fir-Regolament (KE) Nru 1049/2001, il-Qorti sostniet li opinjoni tas-Servizz Legali tal-Kunsill ma tistax titqies li hija ta' natura sensittiva, jekk tinkludi biss valutazzjoni ta' elementi ta' interpretazzjoni tad-dritt tal-UE u ma tippossjedi l-ebda oriġinalità fil-valutazzjoni legali tagħha tal-kwistjoni. Barra minn hekk, il-valutazzjoni ta' proposta leġiżlattiva mis-servizz legali ta' istituzzjoni tista', min-natura tagħha stess, taffettwa proċess leġiżlattiv wieħed jew iktar. Għal din ir-raġuni, l-aċċess għal tali dokumenti ma jistax jiġi rriżiut minħabba l-implikazzjonijiet tiegħi għal proċessi leġiżlattivi oħra biss, iż-żda jeħtieġ li fatturi addizzjonali jitqiesu bħala partikolarment wiesgħa fil-kamp ta' applikazzjoni. Fir-rigward tal-eċċeżżjoni li tipproteġġi proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet li għaddej, il-Qorti sabet li l-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet jitqies magħluq mid-data li fiha l-Kunsill/COREPER japprova l-ftehim proviżorju milħuq matul it-trilogi, anki jekk l-adozzjoni finali (għadha) ma seħħitx.

Fl-aħħar nett, fir-rigward tal-eċċeazzjoni relatata mal-protezzjoni tar-relazzjonijiet internazzjonali, il-Qorti sabet li hija meħtieġa aktar minn sempliċi rabta bejn l-elementi li jinsabu f'dokument u l-objettivi mfittxija mill-UE fin-negozjati u l-implementazzjoni ta' ftehim internazzjonali. Il-Kunsill għandu jipprovdi spjegazzjonijiet dwar ir-riskji speċifiċi, reali, raġonevolment prevedibbli u mhux ipotetiċi fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali sabiex jibbażza ruħu fuq l-eċċeazzjoni.

Fil-Kawża T-590/23, De Capitani vs Il-Kunsill, l-applikant talab l-annullament tad-deċiżjoni tal-Kunsill li jirrifjuta l-aċċess għal ċerti dokumenti skont ir-Regolament (KE) Nru 1049/2001 u tad-"*d-deċiżjoni impliċita jew espliċita kontinwa li ma jiġux ippubblikati direttament id-dokumenti leġiżlattivi li għalihom ingħata l-aċċess wara talba għal aċċess taħt l-imsemmi Regolament tal-Kunsill Nru 1049/2001 fir-Reġistru tal-Kunsill stess*". Il-kawża għadha pendenti quddiem il-Qorti.

V. PUBBLIKAZZJONI TA' DOKUMENTI SKONT L-ARTIKOLU 11(6) TAL-ANNESS II GĦAR-REGOLI TA' PROĊEDURA TAL-KUNSILL

Is-SĠK għamel pubbliċi 254 dokument preparatorju relatati ma' 17-il att leġiżlattiv li ġew adottati fl-2023.

VI. RIŻULTATI TAL-VOTAZZJONI

Fl-2023, is-SĠK ħejja riżultati tal-votazzjoni għall-atti leġiżlattivi kollha li kienu ġew adottati mill-Kunsill matul is-sena (jiġifieri 85); dawk ir-riżultati tal-votazzjoni huma disponibbli direttament fuq [is-sit web tal-Kunsill](#).

VII. TALBIET GĦAL INFORMAZZJONI

Is-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jirċievi talbiet għal informazzjoni fl-24 lingwa uffiċjali tal-UE, mhux biss minn ċittadini bbażati fl-UE iżda wkoll minn partijiet oħra tad-dinja. Dawn it-talbiet jiġu ppreżentati b'mezzi differenti: formoli tal-web (disponibbli fuq [is-sit web tal-Kunsill](#)), emails u ittri. Is-Servizz ta' Informazzjoni Pubblika huwa responsabbli biex iwieġeb għal dawk it-talbiet għal informazzjoni.

Matul l-2023, is-Sġk wiegħeb 6 480 talba għal informazzjoni. Dawn it-tweġibiet intbagħtu kif ġej:


- 6 029 email (dawn jinkludu talbiet riċevuti permezz tal-formola tal-web u bl-email);
- 451 ittra.

950 mit-talbiet li twieġbu kienu indirizzati lill-President tal-Kunsill Ewropew (PKE).

Iċ-ċifri ta' hawn fuq jirrappreżentaw tnaqqis fl-ġhadd totali ta' talbiet għal informazzjoni matul l-aħħar ftit snin.


Number of requests for information

evolution from 2019 to 2023



It-talbiet riċevuti mis-Sġk kieni relatati ma' temi ta' politika differenti tal-UE u varjetà ta' suġġetti oħra wkoll. Fl-2023, dawn it-talbiet kieni jikkonċernaw l-oqsma prinċipali li ġejjin:

Main policy areas of requests for information in 2023



*e.g. Transport, Telecommunications and Energy; Economic and Financial Affairs; etc.

Il-kwistjonijiet tal-affarijiet barranin baqgħu fuq nett fil-lista ta' tħassib taċ-ċittadini matul l-2023. L-aktar suġġetti frekwenti kienu jinkludu l-gwerra fl-Ukrajna, mill-aspetti differenti tagħha, u talbiet għal gwida dwar is-sanzjonijiet imposta fuq ir-Russja. Kwistjonijiet oħra, bħas-sitwazzjoni fil-Lvant Nofsani jew fin-Nagorno-Karabakh, kienu wkoll prominenti fil-lista.

Individwi u kumpaniji kkuntattjaw lis-SġK ukoll biex isiru jafu aktar dwar is-sitwazzjoni attwali ta' diversi fajls ta' politika, bħall-att dwar l-intelliġenza artifiċjali, l-att dwar id-data u l-mekkaniżmu ta' aġġustament tal-karbonju fil-fruntieri. Barra minn hekk, is-SġK irċieva mistoqsijiet ta' natura aktar prattika, pereżempju dwar kif jinkisbu dokumenti personali jew kif jinstab punt ta' kuntatt fil-livell nazzjonali biex jissolvew il-problemi li jiffaċċaw dawk li jistaqsu.

Taħt is-suġġett "Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill", is-SġK irċieva talbiet rigward dawn li ġejjin:

- ritratti awtografati tal-PKE;
- talbiet għal appoġġ finanzjarju mill-PKE;
- informazzjoni dwar karrieri/traineeships;
- dettalji ta' kuntatt ta' uffiċjali.

Is-SġK irċieva wkoll għadd sinifikanti ta' emails u ittri li jew kienu spam jew ma jinftehmux, jew, fil-każ ta' ittri, mingħajr indirizz ta' kuntatt ċar. Fl-2023, l-għadd totali ta' każijiet mingħajr segwitu kien ta' 321.

**VIII. ATTENDENZA OKKAŻJONALI MINN PARTIJIET TERZI, INKLUŻ
RAPPREŻENTANTI TA' GRUPPI TA' INTERESS, FIL-LAQGĦAT TAL-KUNSILL
JEW TAL-KORPI PREPARATORJI TIEGĦU**

Il-punt iv tal-linji gwida tas-Segretarju Ġenerali tat-22 ta' Lulju 2021 dwar is-suġġett imsemmi hawn fuq jipprevedi li r-rapport annwali tal-Kunsill dwar l-aċċess għad-dokumenti għandu jinkludi informazzjoni rilevanti dwar l-attendenza tar-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa fil-laqgħat tal-Kunsill jew tal-korpi preparatorji tiegħu.

Fl-2023, 210 rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa ġew awtorizzati jattendu l-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill. Ir-rappreżentanti ta' gruppi ta' interessa kienu jappartjenu għall-kategoriji li ġejjin:

Organizzazzjonijiet mhux governattivi	116
Gruppi ta' riflessjoni	36
Assoċjazzjonijiet tal-kummerċ u tan-negożju	18
Esperti individwali u akkademiċi	16
Assoċjazzjonijiet u networks ta' entitajiet pubbliċi jew imħallta	11
Konsulenza u kumpaniji	6
Istituzzjonijiet tal-karità	5
Trade unions u assoċjazzjonijiet professionali	2

L-entitajiet awtorizzati biex jattendu l-laqgħat tal-korpi preparatorji tal-Kunsill huma identifikati fl-aġendi tal-korpi preparatorji rilevanti, li jistgħu jiġu kkonsultati fir-registrū tad-dokumenti tal-Kunsill.

ANNESS

1. Numru ta' talbiet inizjali skont ir-Regolament Nru 1049/2001

2019	2020	2021	2022	2023
2 567	2 321	2 083	2 762	3 732

2. Numru ta' dokumenti mitluba permezz ta' talbiet inizjali

2019	2020	2021	2022	2023
8 222	13 382	10189	10 902	13 912

3. Dokumenti rilaxxati mis-Segretarjat Ĝeneralis tal-Kunsill fl-istadju inizjali

2019		2020		2021		2022		2023	
6 615		11 796		9 011		9 019		12 508	
parzjali 470	sħiħ 6145	parzjali 542	sħiħ 11 254	parzjali 519	sħiħ 8 492	parzjali 955	sħiħ 8 064	parzjali 1 600	sħiħ 10 908

4. Numru ta' applikazzjonijiet konfermatorji

2019	2020	2021	2022	2023
40	26	44	23	40

5. Numru ta' dokumenti kkunsidrati permezz ta' applikazzjonijiet konfermatorji

2019	2020	2021	2022	2023
166	118	210	163	146

6. Dokumenti rilaxxati mill-Kunsill fl-istadju konfermatorju

2019		2020		2021		2022		2023	
111		66		113		82		98	
parzjali 50	sħiħ 61	parzjali 31	sħiħ 35	parzjali 54	sħiħ 59	parzjali 36	sħiħ 46	parzjali 45	sħiħ 53

7. Rata ta' dokumenti rilaxxati matul il-proċedura kollha (rilaxx sħiħ / rilaxx sħiħ + parzjali)

2019		2020		2021		2022		2023	
79,7 %	86,4 %	84,4 %	88,6 %	83,9 %	89,5 %	79 %	88,7 %	80 %	92 %

8. Profil professjonali tal-applikanti (talbiet inizjali)

		2019		2020		2021		2022		2023		
Soċjetà ċivili/ Settur privat	Konsulenti	8,2 %	23,5 %	7,3 %	20,5 %	6,9 %	20,9 %	10,7 %	28,2 %	11,9 %	30,6 %	
	Gruppi ta' pressjoni ambjentali	0,4 %		0,2 %		0,2 %		0,1 %		0,3 %		
	Gruppi oħra ta' interess	3,4 %		3 %		3,3 %		4,6 %		5 %		
	Settur Industrijali/Kum merċjali	5 %		4,7 %		5,2 %		4,9 %		7,4 %		
	NGOs	6,5 %		5,3 %		5,3 %		7,9 %		6 %		
Ġurnalisti		6,4 %	6,6 %		5 %		6,8 %	8,1 %				
Avukati		6,9 %	5,1 %		4,7 %		4,3 %	7,1 %				
Dinja akademika		28,8 %	34,8 %		39 %		33,3 %	22,9 %				
Awtoritajiet pubbliċi (istituzzjonijiet mhux tal- UE, rappreżentanti ta'		3,4 %	4,4 %		2 %		3,2 %	2,2 %				
Membri tal-Parlament Ewropew u assistenti		1,5 %	0,5 %		1,3 %		0,4 %	0,9 %				
Oħrajn		13,9 %	13,3 %		15 %		14,1 %	11,9 %				
Mhux dikjarat		12,1 %	11,8 %		12,5 %		17 %	16,3 %				

9. Profil professjonali tal-applikanti (applikazzjonijiet konfermatorji)

		2019		2020		2021		2022		2023	
Soċjetà ċivili/ Settur privat	Konsulenti	6,5 %	25,8 %	4 %	8 %	0 %	6,2 %	0 %	13,7 %	0 %	6,4 %
	Gruppi ta' pressjoni ambjentali	3,2 %		0 %		0 %		4,6 %		0 %	
	Gruppi oħra ta' interess	6,4 %		4 %		0 %		0 %		0 %	
	Settur Industrijali/Ku mmerċjali	0 %		0 %		3,1 %		0 %		3,2 %	
	NGOs	9,7 %		0 %		3,1 %		9,1 %		3,2 %	
Ġurnalisti		12,9 %	8 %		18,7 %		4,6 %		12,9 %		
Avukati		0 %	16 %		9,4 %		4,5 %		22,6 %		
Dinja akademika		38,7 %	32 %		25 %		36,4 %		16,1 %		
Awtoritajiet pubbliċi (istituzzjonijiet mhux tal- UE, rappreżentanti ta'		0 %	4 %		0 %		4,5 %		0 %		
Membri tal-Parlament Ewropew u assistenti		0 %	8 %		0 %		0 %		0 %		
Oħrajn		3,2 %	12 %		9,4 %		4,5 %		9,7 %		
Mhux dikjarat		19,4 %	12 %		31,3 %		31,8 %		32,3 %		

10. Distribuzzjoni ġeografika tal-applikanti (talbiet inizjali)

Pajjiż	2019	2020	2021	2022	2023
Belġju	27,9 %	24,7 %	28,1 %	30,5 %	28,9 %
Bulgarija	0,1 %	0,5 %	0,1 %	0,1 %	0,3 %
Kroazja	0,2 %	0,2 %	0,2 %	0,4 %	0,4 %
Repubblika Ċeka	0,9 %	0,5 %	0,7 %	0,5 %	0,7 %
Danimarka	1 %	0,9 %	1,5 %	1 %	0,8 %
Ġermanja	13,6 %	11,5 %	12,4 %	11,8 %	11,6 %
Estonja	0,1 %	0,1 %	0,2 %	0,1 %	0,1 %
Greċċja	0,6 %	1,2 %	0,9 %	0,2 %	0,5 %
Spanja	4,8 %	4,2 %	4,9 %	4 %	3,7 %
Franza	7,5 %	6,5 %	7 %	7 %	6,1 %
Irlanda	0,7 %	10,4 %	1 %	0,8 %	1,1 %
Italja	4,3 %	5,9 %	5,6 %	3,1 %	4,9 %
Ċipru	0,1 %	0,2 %	0,3 %	0,2 %	0,1 %
Latvja	0 %	0,1 %	0,1 %	0 %	0 %
Litwanja	0 %	0 %	0 %	0,1 %	0,2 %
Lussemburgu	2 %	0,8 %	0,8 %	1,2 %	0,8 %
Ungerija	0,5 %	0,4 %	0,1 %	0,3 %	0,5 %
Malta	0 %	0 %	0,3 %	0,2 %	0,1 %
Netherlands	5,4 %	3,5 %	5,6 %	5,4 %	5 %
Awstrija	1,9 %	1,2 %	1,3 %	1,8 %	1,5 %
Polonja	0,8 %	1,2 %	1,8 %	1,9 %	1,4 %
Portugall	0,9 %	0,8 %	0,8 %	0,9 %	0,5 %
Rumanija	1 %	0,5 %	0,5 %	0,4 %	0,5 %
Slovenja	0,2 %	0,2 %	0,2 %	0,1 %	0,1 %
Slovakja	0,2 %	0,5 %	0,6 %	0,2 %	0,2 %
Finlandja	0,9 %	1,3 %	1,2 %	1,2 %	1,1 %
Żvezja	0,5 %	1 %	1 %	0,9 %	1,7 %
Renju Unit	6,4 %	4,6 %	4,4 %	3,4 %	2,4 %
Pajjiżi terzi	6,5 %	4,9 %	5,5 %	3,1 %	3,1 %
Mhux dikjarat	11 %	12,2 %	12,9 %	19,2 %	21,7 %

11. Distribuzzjoni ġeografika tal-applikanti (applikazzjonijiet konfirmsatorji)

Pajjiż	2019	2020	2021	2022	2023
Belġju	16,1 %	36 %	31,3 %	18,2 %	15,6 %
Bulgarija	0 %	4 %	0 %	0 %	3,1 %
Kroazja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Repubblika Ċeka	0 %	0 %	3,1 %	4,5 %	0 %
Danimarka	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Ġermanja	22,6 %	4 %	3,2 %	18,2 %	15,6 %
Estonja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Greċċa	0 %	0 %	3,1 %	0 %	0 %
Spanja	6,4 %	0 %	3,1 %	0 %	0 %
Franza	6,4 %	0 %	3,1 %	9,1 %	6,3 %
Irlanda	0 %	4 %	0 %	4,6 %	3,1 %
Italja	6,5 %	8 %	3,1 %	0 %	0 %
Ċipru	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Latvja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Litwanja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Lussemburgu	3,2 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Ungaria	0 %	0 %	0 %	0 %	6,3 %
Malta	0 %	0 %	0 %	4,5 %	0 %
Netherlands	6,5 %	16 %	12,5 %	4,6 %	9,4 %
Awstrija	3,2 %	0 %	3,1 %	0 %	3,1 %
Polonja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Portugall	0 %	4 %	3,1 %	0 %	0 %
Rumanija	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Slovenja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Slovakja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Finlandja	3,2 %	4 %	9,4 %	4,6 %	3,1 %
Żvezja	0 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Renju Unit	9,7 %	8 %	3,1 %	4,5 %	6,3 %
Pajjiżi terzi	6,5 %	8 %	0 %	4,5 %	0 %
Mhux dikjarat	9,7 %	4 %	18,8 %	22,7 %	28,1 %

12. Qasam ta' politika tad-dokumenti mitluba

Politika	2019	2020	2021	2022	2023
Agrikoltura, Sajd	4,6 %	4,3 %	7,8 %	4,7 %	8 %
Suq Intern	2,2 %	0,6 %	1,6 %	1 %	0,2 %
Riċerka	1,3 %	1,9 %	2 %	0,5 %	0,4 %
Kultura	0,3 %	0,3 %	0,5 %	0,1 %	0,1 %
Edukazzjoni/Żgħażagħ	1,3 %	1,7 %	1,2 %	0,5 %	1,2 %
Kompetittivitā	1,8 %	1,4 %	3 %	9,9 %	11,6 %
Enerġija	1,7 %	1,6 %	1,6 %	4,4 %	4,6 %
Trasport	5,4 %	4,8 %	2,8 %	3,1 %	3,8 %
Ambjent	5,2 %	6,2 %	4,9 %	5,9 %	8,6 %
Sahħha u Protezzjoni tal-	1,6 %	2,1 %	2,4 %	3,6 %	4,2 %
Politika Ekonomika u Monetarja	10,1 %	16,7 %	14,8 %	10,3 %	7 %
Kwistjonijiet ta' Taxxa – Variationiċċi tiegħi	5,6 %	4,4 %	3,8 %	2,5 %	1,9 %
Relazzjonijiet Esterne – PESK	15,2 %	13,1 %	12,1 %	13,7 %	9,4 %
Protezzjoni Ċivili	0,2 %	0,1 %	0,1 %	0,1 %	0 %
Tkabbir	1,1 %	0,6 %	0,5 %	0,4 %	0,4 %
Kwistjonijiet ta' Difiża u Militari	1,7 %	1,2 %	1,1 %	0,6 %	0,3 %
Assistenza għall-Iżvilupp	0,1 %	0 %	0 %	0 %	0 %
Politika Soċjali	3,5 %	2 %	2,6 %	3,3 %	3,3 %
Ġustizzja u Affarijiet Interni	17,9 %	20,4 %	17,8 %	18,5 %	17,6 %
Kwistjonijiet legali	3,7 %	2,7 %	4,3 %	3 %	2,5 %
Funzjonament tal-istituzzjonijiet	3 %	1,4 %	2,5 %	1,3 %	1,2 %
Finanzjament tal-Unjoni (Baġiġ, Statut)	0,3 %	0,3 %	0,3 %	0,1 %	0,3 %
Trasparenza	0,7 %	0,7 %	0,7 %	0,6 %	0,3 %
Kwistjonijiet ta' politika ġenerali	4,6 %	6,7 %	4,3 %	3,1 %	4,1 %
Mistoqsijiet Parlamentari	0,8 %	0,2 %	0,1 %	0 %	0,2 %
Telekomunikazzjoni			3 %	6.9 %	5,9 %
Varji	2,6 %	2,6 %	2 %	1,2 %	2,2 %
BREXIT	3,5 %	2 %	1,9 %	0,7 %	0,7 %

13. Eċċezzjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess (stadju inizjali)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2019		2020		2021		2022		2023	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	51	4,5 %	72	4,8 %	87	8,2 %	78	6,5 %	50	4,5 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' difiża u militari	16	1,4 %	11	0,7 %	4	0,4 %	10	0,8 %	7	0,6 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	300	26,6 %	233	15,5 %	181	17 %	208	17,4 %	305	27,4 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	15	1,3 %	6	0,4 %	0	0 %	1	0,1 %	4	0,4 %
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	3	0,3 %	5	0,3 %	10	0,9 %	19	1,6 %	7	0,6 %
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprietà intellettuali	5	0,4 %	0	0 %	27	2,5 %	2	0,2 %	1	0,1 %
Protezzjoni ta' proċedimenti tal-qorti u ta' parir legali	10	0,9 %	9	0,6 %	9	0,8 %	9	0,7 %	23	2,1 %
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifikasi	3	0,3 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	3	0,3 %
Protezzjoni tal-proċess tat-tieħid ta' deċiżjonijiet tal-Istittuzzjoni	215	19,1 %	343	22,8 %	223	20,9 %	307	25,6 %	327	29,3 %
Diversi raġunijiet f'daqqa	509	45,2 %	827	54,9 %	525	49,3 %	563	47 %	387	34,7 %

14. Eċċeżżjonijiet użati għar-rifjut tal-aċċess (applikazzjonijiet konfirmsatorji)

Eċċeżżjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2019		2020		2021		2022		2023	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblica	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	4	8,3 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' difiża u militari	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	19	34,5 %	3	5,8 %	33	34 %	55	67,9 %	5	10,4 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0 %	0	0 %	0	0 %	1	1,2 %	2	4,2 %
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	0	0 %	0	0 %	0	0 %	2	2,5 %	4	8,3 %
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fízika jew ġuridika, inkluż il-proprietà intellektwali	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni ta' proċedimenti tal-qorti u ta' parir legali	2	3,6 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifikasi	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	3	5,5 %	12	23,1 %	13	13,4 %	2	2,5 %	3	6,3 %
Diversi raġunijiet f'daqqa jew raġunijiet oħra	31	56,4 %	37	71,1 %	51	52,6 %	21	25,9 %	30	62,5 %

15. Eċċezzjonijiet użati biex jiġġustifikaw aċċess parzjali (stadju inizjali)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2019		2020		2021		2022		2023	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	24	5,1 %	28	5,2 %	24	4,6 %	70	7,3 %	67	4,2 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' difiża u militari	3	0,7 %	2	0,4 %	5	1 %	6	0,6 %	3	0,2 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	109	23,2 %	156	28,8 %	65	12,5 %	95	9,9 %	214	13,4 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	7	1,5 %	3	0,5 %	1	0,2 %	1	0,1 %	42	2,6 %
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	65	13,8 %	141	26 %	168	32,4 %	400	41,9 %	727	45,4 %
Protezzjoni tal-interessi kummercjalji ta' persuna fížika jew ġuridika, inkluż il-proprietà intellettuali	8	1,7 %	1	0,2 %	3	0,6 %	4	0,4 %	0	0 %
Protezzjoni ta' proċedimenti tal-qorti u ta' parir legali	24	5,1 %	19	3,5 %	38	7,3 %	16	1,7 %	28	1,7 %
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifikasi	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni tal-proċess tat-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	97	20,6 %	55	10,1 %	71	13,7 %	161	16,9 %	118	7,4 %
Diversi raġunijiet f'daqqa jew raġunijiet oħra	133	28,3 %	137	25,3 %	144	27,7 %	202	21,2 %	400	25 %

16. Eċċezzjonijiet użati biex jiġġustifikaw aċċess parzjali (stadju konfematorju)

Eċċezzjonijiet previsti fir-regolament 1049/2001	2019		2020		2021		2022		2023	
	#	%	#	%	#	%	#	%	#	%
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tas-sigurtà pubblika	1	2 %	0	0 %	1	1,8 %	0	0 %	1	2,3 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward ta' kwistjonijiet ta' difiża u militari	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tar-relazzjonijiet internazzjonali	8	16 %	0	0 %	4	7,4 %	24	66,7 %	1	2,2 %
Protezzjoni tal-interess pubbliku fir-rigward tal-politika finanzjarja, monetarja jew ekonomika tal-Komunità jew ta' Stat Membru	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	1	2,2 %
Protezzjoni tal-privatezza u l-integrità tal-individwu (protezzjoni tad-data personali)	0	0 %	6	19,4 %	5	9,3 %	1	2,8 %	37	82,2 %
Protezzjoni tal-interessi kummerċjali ta' persuna fiżika jew ġuridika, inkluż il-proprijetà intellettuali	2	4 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni ta' proċedimenti tal-qorti u ta' parir legali	0	0 %	0	0 %	4	7,4 %	2	5,5 %	1	2,2 %
Protezzjoni tal-fini ta' spezzjonijiet, investigazzjonijiet u verifikasi	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %	0	0 %
Protezzjoni tal-proċess ta' teħid ta' deċiżjonijiet tal-Istituzzjoni	5	10 %	0	0 %	7	13 %	0	0 %	0	0 %
Diversi raġunijiet f'daqqa jew raġunijiet oħra	34	68 %	25	80,6 %	33	61,1 %	9	25 %	4	8,9 %

17. Numru ta' dokumenti (fil-verżjoni lingwistika oriġinali) imsemmija fir-registrū pubbliku sal-31 ta' Diċembru ta' kull sena kalendarja (u numru ta' dokumenti pubbliċi)

2019		2020		2021		2022		2023	
420 763	297 670 (70 %)	440 148	313 253 (71.1 %)	460 907	330 434 (71.7 %)	482 786	346 951 (71.9 %)	505 587	364 793 (72.1 %)

18. Numru ta' dokumenti (verżjoni lingwistika oriġinali) miżjudha fir-registrū pubbliku fl-2023

	Pubbliċi maċ-ċirkolazzjoni	LIMITE	LIMITE magħmula pubbliċi fuq talba	Parjalment disponibbli
Leġiżlattivi	2 299	3 039	2 006	209
Mhux leġiżlattivi	11 104	9 401	2 791	898

19. Numru medju ta' jiem ta' xogħol biex tingħata tweġiba għal talba inizjali għal aċċess għal dokumenti u għal applikazzjoni konfermatorja

	2019	2020	2021	2022	2023
Għall-applikazzjonijiet inizjali ¹⁶	17 (2 567 talba)	17 (2 321 talba)	17 (2 083 talba)	16 (2 762 talba)	16 (3732 talba)
Għall-applikazzjonijiet konfermatorji ¹⁷	37 (40 appl. konfermatorja)	34 (26 appl. konfermatorja)	33 (44 appl. konfermatorja)	36 (23 appl. konfermatorja)	32 (39 applikazzjoni magħluqa)
Medja ponderata (inizjali + konfermatorja)	17,31	17,19	17,34	16,17	16,17

¹⁶ Dawn iċ-ċifri jinkludu kemm l-applikazzjonijiet inizjali mibgħuta skont l-Artikolu 7 tar-Regolament (KE) Nru 1049/2001 kif ukoll l-hekk imsejħa "applikazzjonijiet 6(3)".

¹⁷ L-applikazzjonijiet konfermatorji jiġu eżaminati mill-Grupp ta' Ħidma tal-Kunsill dwar l-Informazzjoni u mill-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanentni (Parti 2). It-tweġibet lill-applikanti jiġu adottati mill-Kunsill.

20. Numru ta' applikazzjonijiet bi skadenza estiżza - Art 7(3) u 8(2)

	2019	2020	2021	2022	2023
Applikazzjonij iet inizjali	809 minn 2 567 31,5 %	776 minn 2 321 33,4 %	623 minn 2083 29,9 %	824 minn 2762 29,8 %	1248 minn 3732 33,4 %
Applikazzjonij iet konfermatorji	40 [minn 40]	26 [minn 26]	43 [minn 44]	23 [minn 23]	40 [minn 40]